**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

**Każ numru: 58/2022**

Illum, 15 ta' Diċembru 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C Spiteri)**

**vs**

**Abdirizak Abdillahi Abdi**
**(Permess tar-residenza Nru 119547A)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Abdirizak Abdillahi Abdi** ta' 28 sena, iben Abdi u Yusur, imwieled Ethiopia nhar l-1 ta' Jannar 1994 u li joqgħod 'Sopra', Triq it-Tin, Sannat Għawdex, detentur tal-permess tar-residenza bin-numru 119547A u akkużat talli nhar 7 ta' Diċembru 2022 f'xi ħin bejn 1.30am u l-1.45 waqt li kont qiegħed ġewwa l-istabbiliment Traffic Lights Bar, fi triq il-Qbajjar, Żebbuġ Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

1. Ikkomettejt serq ta' flixkien tax-xorb, flus kontanti u/jew oġġetti oħra li l-valur tagħhom ma jaqbiżx aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), liema serq hu kwalifikat bil-mezz u bil-ħin u dan għad-dannu ta' Joseph Vella u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli ksirt sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) nhar it-13 ta' Novembru 2022 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

3. U aktar talli rendejt ruħek reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jidher li dan kien inċident ta' darba u li huwa ammetta l-involviment tiegħu mal-ewwel. Jirriżulta li l-valur tal-oġġetti derubati huwa minimu ħafna u li ġie ritornat lill-vittma. L-akkużat stqarr li ddispjaċih ħafna għal dak li għamel u li jixtieq li jerġa jibda mill-ġdid bil-għan li jottempora ruħu skrupolożament mal-liġijiet tal-pajjiż.

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li l-akkużat ikkowopera mal-ewwel mal-forzi tal-ordni u ammetta l-involviment tiegħu mal-ewwel. Mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tagħtix kont tal-fatt li r-reati de quo seħħew ftit ġimgħat wara li hu diġà nstab ħati minn din il-Qorti, diversament preseduta, dwar reati differenti minn dawk odjerni.

B'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm karċerarja effettiva m'hijiex idonea f'dawn iċ-ċirkostanzi iżda l-akkużat irid jingħata żmien twil sabiex iservi kemm ta' detriment kif ukoll ta' għajnuna sabiex jadrizza l-aġir tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28B, 49, 50, 261, 263, 270, 278(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Abdirizak Abdillahi Abdi <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti, fissret lill-ħati fi kliem ċar u li jinftiehem, il-konsegwenzi jekk huwa tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

**(Ft.) Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**